MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 997/2002/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera assikuratrici Norwich Union International Insurance Limited u dawn kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Anthony Muscat sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Anthony Muscat**

**Vs**

**Carmel Spiteri**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' April 2002 fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jhallas l-ammont ta' Lm840.76 (tmien mija u erbghin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu) rapprezentanti ta' danni li sofra l-attur in segwitu ghall-incident stradali.

Fl-avviz tat-talba intqal li:-
Ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm840.76c jew kull somma ohra verjuri danni minnhom subiti in segwitu ghall-incident

stradali li gara gewwa l-Furjana fil-15 ta' April 2001 bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni LEO 729 proprjeta' tal-attur Anthony Muscat u assikurat b'polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici assikuratrici u l-vettura numru ta' registrazzjoni EBY 503 misjuqa minnek, u ghal liema incident kont tahti unikament inti minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis lejn ir-regolamenti tat-traffiku, prevja d-dikjarazzjoni li ghall-incident in kwistjoni kont tahti unikament inti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata llum stess kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut l-Omnibus Pool u tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Settembru 2001 kontra l-konvneut minn issa ngunt ghas-subizzajoni, u bl-imghax legali mis-27 ta' Settembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta fejn inghad li:-
1. L-incident de quo ma garax tort tal-konvenut izda htija ta' l-attur Anthony Muscat.
2. Ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u <u>bla pregudizzju</u> ghall-premess, l-atturi ghadhom igibu prova tad-danni.
3. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni favur l-atturi.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi u bl-ispejjes kontra l-atturi.

Sema' ix-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-lok ta' l-incident huwa ezattament fil-kisra tal-funtana ta' l-Iljun fit-Triq Sant' Anna, Floriana. L-assigurat tal-attur kien fuq il-karregjata ta' barra, fil-waqt ix-xarabank tal-konvenut kienet fil-karregjata tan-nofs.

Illi huwa kontestat bejn il-partijiet min effettivament min dahal go min ossia ta' min hu tort ghall-incident. Iz-zewg sewwieqa jallegaw l-invazjoni reciproka. Fl-assenza ta' xi xhud okulari u/jew ta' accettabbilita tal-versjoni taz-zewg sewwieqa, iz-zewg versjonijiet jistghu jkunu verosimili.

Pero’ fil-kamp civili veru li l-kaz irid jigi fuq bilanc ta’ probabilitajiet, izda dejjem jibqa l-oneru ingombranti fuq l-attur li sta a lui provare.

Fil-kaz odjern dana ma ghamlux u ghalhekk il-kawza tieghu ma tistax tirnexxi.

Jiddeciedi billi jilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------